MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Numru. 217/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Justin Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Justin Farrugia**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Raymond u Dorothy neé Farrugia, mwieled Pieta' nhar id-9 ta' April 1991 u residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 228891(M), akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn it-28 ta' Marzu 2008 u d-29 ta' Marzu 2008, ghall-habta ta' bejn it-tmienja u nofs ta' filghaxija u t-tmienja ta' filghodu, f'Misrah Indipendenza, l-Belt Valletta, kkometta serq ta' *stereo CD player* tal-

marka ‘Pioneer’ bin-numru tal-mudell mhux maghruf., minn go vettura tal-ghamla Perodua Kelisa bin-numru ta’ registrazzjoni FBR 432, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37), ghad-detriment ta’ Anthony Gauci minn Valletta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé fuq vettura tal-ghamla Perodua Kelisa bin-numru ta’ registrazzjoni FBR 432, liema ammont ta’ hsara ma jiskorriex mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) imma izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 23.29) ghad-detriment ta’ Anthony Gauci minn Valletta;

3. kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata t-12 ta’ Dicembru 2007;

4. sar recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati ta’ diversi reati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Ufficjal Prosekutur jirtira t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat minhabba r-raguni msemmija fis-seduta tallum.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li gew pruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u li gew pruvati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u l-fedina penali tieghu (Dok. “DB 3”). Il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha tigi moghtija piena ta’ prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat peress li tali sentenza ma tkun ser issolvi xejn pero jkun ghaqli li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirriforma hajtu. Il-Qorti taghmilha cara illi din ser tkun **l-ahhar darba** li l-imputat ser jinghata dan ic-cans.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Justin Farrugia hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Justin Farrugia taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Justin Farrugia bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-

kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Justin Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------